



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0199(COD)

5488/1/21
REV 1 ADD 1

FSTR 7
REGIO 7
FC 1
CADREFIN 32
RELEX 35
CODEC 75
PARLNAT 126

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Mejju 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern¹ (Regolament Interreg), li huwa parti mill-pakkett leġiżlattiv tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2021-2027. F'konformità mal-Artikoli 174, 176 u 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-oġettiv politiku ġenerali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) huwa li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jnaqqas id-disparitajiet bejn id-diversi reġjuni tal-UE, fejn għal ċerti kategoriji ta' reġjuni fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari, inkluż referenza speċifika għar-reġjuni transfruntieri. Ir-Regolament Interreg jadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn Stat Membru wieħed jew aktar u r-reġjuni tagħhom, kif ukoll bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiżi mhux tal-UE u r-reġjuni tagħhom.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018² u l-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Diċembru 2018³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament Interreg fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu fis-26 ta' Marzu 2019.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali eżamina r-Regolament Interreg propost f'għadd ta' laqgħat taħt il-Presidenza Bulgara, Awstrijaka, Rumena, Finlandiża, Kroata u dik Ġermaniża.
5. Fid-29 ta' Mejju 2019 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-mandat parzjali inizjali għal negozjati. Fil-5 ta' Ottubru 2020, il-mandat parzjali għan-negozjati ġie aġġornat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jittieħed kont tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 u l-Pakkett għall-Irkupru adottat fil-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew tas-17, it-18, id-19, l-20 u l-21 ta' Lulju 2020.

¹ Dokument ST 9536/18 + ADD 1.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 116.

³ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 137.

6. Abbażi ta' dawk il-mandati, il-Presidenza Finlandiża, Kroata, u dik Ġermaniża wettqu negozjati interistituzzjonali li ġew konklużi fit-2 ta' Diċembru 2020.
7. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali. Fl-20 ta' Jannar 2021, il-President tal-Kumitat REGI indirizza ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fejn indika li jirrakkomanda lill-Plenarja biex il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
8. B'kont meħud tal-qbil imsemmi hawn fuq u wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 TFUE.

II. OBJETTIV (Artikolu 1)

9. F'konformità mal-Artikolu 176 TFUE, il-FEŻR huwa maħsub biex jgħin fir-rimedju tal-iżbilanċi reġjonali ewlenin fl-Unjoni. Skont dak l-Artikolu u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti, li għal ċerti kategoriji ta' reġjuni fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari, inkluż referenza speċifika għar-reġjuni transfruntieri.
10. Ir-Regolament Interreg jadotta d-dispożizzjonijiet speċifiċi meħtieġa rigward il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ("Interreg") għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn Stat Membru wieħed jew aktar u r-reġjuni tagħhom fir-rigward ta' programmazzjoni effettiva inkluż dispożizzjonijiet dwar assistenza teknika, monitoraġġ, evalwazzjoni, komunikazzjoni, eliġibbiltà, ġestjoni u kontroll, u dwar ġestjoni finanzjarja.

11. Fir-rigward tal-appoġġ għall-programmi Interreg mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni (l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)), ir-Regolament Interreg jiddefinixxi objettivi speċifiċi addizzjonali kif ukoll ir-regoli għall-integrazzjoni ta' daww il-fondi fil-programmi Interreg. Ir-Regolament Interreg jistabbilixxi wkoll il-possibbiltà li Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (PTEE) jipparteċipaw fil-programmi Interreg.
12. Fir-rigward tal-appoġġ għall-programmi Interreg mill-fondi Interreg (il-FEŻR u l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni), ir-Regolament Interreg jiddefinixxi l-objettivi speċifiċi għal Interreg, il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sħab u l-PTEE u r-reġjuni tagħhom, ir-riżorsi finanzjarji, u l-kriterji għall-allokazzjoni tagħhom.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

(a) Ferġat ta' Interreg (Artikolu 3)

13. Skont il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, il-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali ser jtkomplew taħt Interreg. Kull wiehied minn daww il-programmi huwa ġġustifikat fuq il-merti tiegħu stess u ser jinżammu l-oqsma ta' suċċess tal-programm.
14. Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-kooperazzjoni transfruntiera u tranżnazzjonali matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-għaqda taż-żewġ ferġat fi programm wiehied għal kull qasam ta' kooperazzjoni ma gābitx biżżejjed simplifikazzjoni għall-awtoritajiet tal-programm u għall-benefiċjarji, ġiet stabbilita ferġha speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi sabiex ir-reġjuni ultraperiferiċi jkunu jistgħu jikkooperaw mal-pajjiżi tal-viċinat u t-territorji tagħhom bl-aktar mod effettiv u sempliċi.

15. Taħt Interreg, il-FEŻR u (fejn applikabbli) l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni ser jappoġġaw il-fergħat li ġejjin:

- **Fergħa A:** il-kooperazzjoni transfruntiera bejn reġjuni maġenb xulxin biex ikun promoss l-iżvilupp reġjonali integrat u armonjuż bejn reġjuni ġirien bi fruntieri fuq l-art u l-baħar;
- **Fergħa B:** il-kooperazzjoni tranżnazzjonali fuq territorji tranżnazzjonali akbar jew madwar il-baċiri tal-baħar, li tinvolvi sħab tal-programm nazzjonali, reġjonali u lokali fi Stati Membri, pajjiżi terzi u pajjiżi sħab u fPTEE, bil-għan li jintlaħaq livell ogħla ta' integrazzjoni territorjali;
- **Fergħa C:** il-kooperazzjoni interreġjonali sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni bil-promozzjoni ta':
 - (a) il-programm Interreg Ewropa,
 - (b) il-programm URBACT,
 - (c) il-programm INTERACT, u
 - (d) il-programm ESPON,
- **Fergħa D:** il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi bejniethom u ma' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab jew PTEE ġirien, jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali, jew diversi minnhom, biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp armonjuż tagħhom fil-viċinat tagħhom.

(b) Obiettivi speċifiċi għal Interreg u konċentrazzjoni tematika (Artikoli 14 u 15)

16. Il-FEŻR jikkontribwixxi, taħt Interreg, għall-obiettivi speċifiċi skont l-obiettivi tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, il-lista tal-obiettivi speċifiċi taħt l-obiettivi ta' politika differenti hija adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' Interreg sabiex ikunu possibbli interventi tat-tip FSE, permezz ta' azzjonijiet konġunti taħt il-programmi Interreg. Barra minn hekk, jiżdedu żewġ obiettivi speċifiċi għal Interreg – "governanza aħjar ta' kooperazzjoni" u "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà". Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ssib bilanċ tajjeb bejn il-ħames obiettivi tal-politika ta' koeżjoni u ż-żewġ obiettivi speċifiċi għal Interreg.
17. F'dan il-kuntest, il-programmi Interreg jistgħu jappoġġaw l-objettiv speċifiku għal Interreg ta' "governanza aħjar tal-kooperazzjoni", permezz ta' waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:
- (a) it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari dawk inkarigati li jiġġestixxu territorju speċifiku, u tal-partijiet ikkonċernati (il-fergħat kollha);
 - (b) it-tisħiħ ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni legali u amministrattiva u l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini, l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu solvuti ostakli legali u ostakli oħrajn f'reġjuni tal-fruntieri (il-fergħat A, C, D u, fejn xieraq, il-fergħa B);
 - (c) il-bini ta' fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti azzjonijiet bejn il-persuni (il-fergħat A, D u, fejn xieraq, il-fergħa B);
 - (d) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati biex jiġu implimentati strateġiji makroreġjonali u strateġiji tal-baċiri tal-baħar, kif ukoll strateġiji territorjali oħra (il-fergħat kollha);
 - (e) it-tisħiħ tad-demokrazija sostenibbli u l-appoġġ lill-atturi tas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħhom fil-proċessi ta' riforma u t-tranżizzjonijiet demokratiċi (il-fergħat kollha bl-involviment ta' pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE); u
 - (f) azzjonijiet oħra biex jappoġġaw governanza aħjar tal-kooperazzjoni (il-fergħat kollha).

18. Min-naħa l-oħra, il-programmi Interreg jistgħu jappoġġaw ukoll l-oġettiv speċifiku għal Interreg ta' "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà", permezz ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-mobbilità u l-migrazzjoni, inkluż il-protezzjoni u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (per eżempju migranti u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali).
19. Sa 20 % tar-riżorsi disponibbli lil kull programm ta' Interreg A, B u D, jistgħu jiġu allokati lill-oġettiv speċifiku għal Interreg "governanza aħjar tal-kooperazzjoni" u sa 5 % jistgħu jiġu allokati lill-oġettiv speċifiku għal Interreg "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà".
20. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tematika, għal kull programm Interreg A, B u D il-ftehim milħuq mal-Parlament jalloka mill-inqas 60 % tar-riżorsi disponibbli għall-oġettiv ta' politika 2 (tranżizzjoni aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' karbonju lejn ekonomija b'emissjonijiet tal-karbonju zero netti u Ewropa reżiljenti) u massimu ta' żewġ oġettivi ta' politika oħra, filwaqt li l-programmi Interreg A tul il-fruntieri interni fuq l-art ser jallokaw mill-inqas 60 % għall-oġettiv ta' politika 2 u l-oġettiv ta' politika 4 (Ewropa aktar soċjali u inklużiva li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali) u massimu ta' żewġ oġettivi ta' politika oħra.

(c) Fondi ta' proġetti żgħar (Artikolu 25)

21. Proġetti żgħar ilaqqgħu individwi fil-livell lokali u huma importanti għall-iżvilupp ta' żoni tal-fruntiera. Dak li jiddistingwi proġetti bħal dawn huwa li huma modesti fl-ambitu tagħhom u, għaldaqstant, l-appoġġ finanzjarju meħtieġ huwa modest ukoll. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiżgura li proġetti żgħar jistgħu jiġu implimentati b'suċċess billi jiġu ssimplifikati dawk l-arranġamenti meħtieġa għalihom u billi jiġu inkorporati regoli ċari fir-rigward tal-governanza tagħhom.
22. Riċevituri finali fi ħdan fond għall-proġett żgħir ser jirċievu appoġġ permezz tal-benefiċjarju u ser jimplimentaw proġetti żgħar fi ħdan dak il-fond għall-proġett żgħir ("proġett żgħir"). Il-benefiċjarju jista' jkun entità legali transfruntiera jew REKT jew korp li jkollu personalità ġuridika. Fi ħdan kull programm Interreg, ser ikun possibbli li jiġu stabbiliti fondi għal proġetti żgħar peress li l-kontribuzzjoni totali lill-fondi għal proġetti żgħar ma għandhiex taqbeż l-20 % tal-allokkazzjoni totali ta' dak il-programm Interreg.

(d) Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab, PTEE, jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni jew kooperazzjoni reġjonali fi programmi Interreg b'ġestjoni kondiviża (Artikoli 53 – 60)

23. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari hija pass 'il quddiem lejn is-simplifikazzjoni tal-kooperazzjoni lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. Sabiex jiġi applikat sett ta' regoli fil-biċċa l-kbira komuni b'ġestjoni kondiviża kemm fl-Istati Membri parteċipanti kif ukoll fil-pajjiżi terzi jew pajjiżi sħab, PTEE, jew organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni jew kooperazzjoni reġjonali parteċipanti, japplikaw ir-regoli "normali" tal-Interreg. Madankollu, ċerti adattamenti huma meħtieġa biex jitqiesu l-parteċipanti li mhumiex marbuta bid-dritt tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, dan il-kapitolu jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward l-awtoritajiet tal-programm, il-metodi ta' ġestjoni, l-eliġibbiltà, il-proġetti ta' infrastruttura kbar, l-akkwist, il-ġestjoni finanzjarja u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' finanzjament.
24. Il-punt ta' tluq huwa li l-eliġibbiltà tal-infiq hija marbuta mal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament mill-pajjiżi terzi, il-pajjiżi sieħeb jew il-PTEE rilevanti. L-awtoritajiet tal-programm Interreg jistgħu jikkorrispondu għal awtoritajiet kompetenti oħrajn f'pajjiżi terzi, pajjiżi sħab jew PTEE. L-akkwist għall-benefiċjarji ser isegwi r-regoli għall-akkwist estern kif previst fir-Regolament Finanzjarju. Ser tiġi stabbilita rata separata mir-rata ta' kofinanzjament nazzjonali meta l-appoġġ jiġi minn strument ta' finanzjament estern tal-Unjoni jew fil-każ ta' trasferiment ta' kontribuzzjoni addizzjonali minn pajjiżi terzi, pajjiżi sieħeb jew PTEE.

(e) Dispożizzjonijiet speċifiċi għal ġestjoni indiretta (Artikoli 61)

25. Il-ftehim milħuq mal-Parlament jipprovdi l-possibbiltà li l-programmi Interreg taħt il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi (fergħa D) jiġu implimentati taħt ġestjoni indiretta. Regoli speċifiċi huma stipulati dwar kif jiġu implimentati dawk il-programmi fl-intier tagħhom jew parzjalment b'ġestjoni indiretta.

IV. KONKLUŻJONI

25. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess milħuq fin-negożjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
 26. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta pakkett bilanċjat għall-programmi Interreg kollha koperti minn dan ir-Regolament għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027.
-